# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 1:Alla jagħtina t-talenti**

**Lezzjoni: 1.2 Int għandek kwalitajiet ukoll**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li kulħadd jista' jirnexxi għax Alla taha l-kwalitajiet lil kulħadd.
2. Jirrevedu l-istorja ta' Helen Keller u x'għamel din il-mara hekk speċjali.
3. Jidentifikaw il-kwalitajiet tagħhom u tal-oħrajn.
4. Jagħrfu l-kwalitajiet ta' persuna speċjali bħal ma kienet Helen Keller.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint bil-kelma "Kwalitajiet" u stampa ta' ħafna stilel.

- il-Vidjow-Klipp parti oħra mill-istorja ta': Helen Keller

http://www.youtube.com/watch?v=1xvy6m2t9Bc

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Iftaħ il-Powerpoint fejn tidher il-kelma "Kwalitajiet".
- Stieden lill-istudenti biex joħorġu jiktbu xi tfisser għalihom din il-kelma.
- Irrevedi l-punt tal-ġurnata ta' qabel, li juri li l-kwalitajiet jew t-talenti huma dawk l-affarijiet sbieħ u ta' għajnuna li kull persuna hi min hi, għandha, li bihom kapaċi tgħix kuntenta fil-ħajja.

## Nisimgħu flimkien (il-lezzjoni)



- Saħħaħ l-introduzzjoni tal-lezzjoni billi turi l-istampa tal-istilel.
- Irrevedi  l-punt li kull stilla, kbira jew żgħira, qed tgħin biex iddawwal is-sema. U hekk kull persuna, hi min hi, u b'dak li għandha, kapaċi ssebbaħ l-ambjent ta' madwarha.
- Irrevedi l-istorja ta' Helen Keller u staqsi lill-istudenti x'jolqothom f'din l-istorja. Flimkien mal-istudenti, tista' terġa' ssegwi xi partijiet minn http://www.biography.com/people/helen-keller-9361967 (ħajja ta' Helen Keller)
- Agħti idea ħafifa tal-istorja.
- Oħroġ il-punt li kull bniedem, anke bi ftit għajnuna, kapaċi jilħaq u jagħmel suċċess bil-ħajja tiegħu.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Alla ħalaq lil kulħadd bi kwalitajiet sbieħ.
2. B'dawn il-kwalitajiet il-bniedem kapaċi jasal li jkun ferħan f'ħajtu u b'hekk iferraħ anke l-ambjent li jkun fih.
3. Mhux kulħadd għandu l-istess kwalitajiet u ta' kulħadd huma utli u importanti.
4. Għandna persuni li nammiraw u li bil-kwalitajiet tagħhom jinkuraġġuna biex bħalhom jikbru u jirnexxu.

## Nagħżlu flimkien (l-attitudni)



Naprezza lil kulħadd u ma nidħak b'ħadd.

Illum niftakar nagħmel dan.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ



- Vidjow ta' Helen Keller

  http://www.youtube.com/watch?v=1xvy6m2t9Bc

## Nitolbu

Mulej Ġesu' għinni napprezza lil kulħadd għax kulħadd huwa xbieha tiegħek u jien minnu nista' nitgħallem.

